Settembru 2011 • Vol 18 • Nru. 3

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




## Fil-Paġni ta' ġewwa

- Tqegħid tal-Ewwel Ġebla tal-Bini l-ġdid tal-Akkademja tal-Pulizija f'Ta' Kandja
- Fl-Okkażjoni tal-197 sena mit-twaqqif tal-Korp
- Għoti ta' Ċertifikati ta' Mertu, Midalji għal Servizz twil u Effiċjenti u Ċertifikati oħra

u aktar...

*Newspaper Post*




UNIVERSITY OF MALTA LIBRARY
Main Library
Class Mark MZ 6.
No. of Volumes in progress.
Remarks
REFERENCE ONLY
*438428*

Settembru 2011 • Vol 18 • Nru. 3

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY




Cover:
Tqegħid tal-Ewwel Ġebla tal-Bini l-ġdid tal-Akkademja tal-Pulizija f'Ta' Kandja.

Ritratt: Ps1147 Antoine Fenech













5 Editorjal

7 Tqegħid tal-Ewwel Ġebla tal-Bini l-ġdid tal-Akkademja tal-Pulizija f'Ta' Kandja

13 Diżappuntat

15 Law Enforcement Torch Run 2011

19 Apprezzamenti

20 Il-Missjoni EULEX fil-Kosovo - L-ewwel Pulizija Malti mat-Taqsima tal-Ħelikopters

24 Mudell tal-Erojiżmu u n-Nobbilta` - It-Traġedja tal-Wellington f'Ħal Qormi

29 Fl-Okkazjoni tal-197 sena mit-twaqqif tal-Korp

41 Għoti ta' Ċertifikati ta' Mertu, Midalji għal Servizz twil u Effiċjenti u Ċertifikati oħra

46 *Charity Ride* minn membri fi ħdan il-Korp tal-Pulizija

49 Konsagrazzjoni tal-Artal fil-Kappella ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

51 Lokalitajiet Maltin

53 Salva ĦAJJA inti wkoll

57 International Police Association

60 Malta Association of Retired Police Officers

62 Mejtin

IL-PULIZIJA

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Supt. Dr Mario Spiteri LL.D.
**Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri
**Membri:** Ps 128 Joseph Farrugia
Ps 772 Dennis Agius
Wps 101 Roberta Grima
Wpc 255 Roberta Fenech
Is-Sur Joseph Borda

**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U., Police Headquarters,
Floriana, VLT 2000

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS - TARXIEN

TUMAS GROUP













The most *exclusive* addresses in Malta!

The obvious destinations if you are looking for a residence or holiday home in Malta.

Voted as the best place to live in with the best climate on Earth by INTERNATIONAL LIVING magazine.

These residences are Special Designated Areas which means that foreign purchasers buy under the same conditions as Maltese Nationals, i.e. no government permits are required and one may let out the property and buy in the name of individuals or companies.

For more information, visit our websites or call our Sales Office on
tel: + 356 2138 6802/2310 2310; fax: + 356 2135 1798. e-mail: gbonnici@tumas.com

PORTOMASO
www.portomaso.com.mt

Tas-Sellum Residence MALTA
www.tassellum.com

TA' MONITA RESIDENCE
www.tamonita.com

# Editorjal

Fit-12 ta' Settembru, 2011 ingħaqdu mal-Korp tal-Pulizija 83 membru ġdid. Minn dawn il-paġni nawgurawlhom ħidma sinċiera' u leali kemm lejn l-uniformi li ser ikunu qed jilbsu, kif ukoll lejn il-kommunita', fejn ħadu l-ġurament li jipproteġu.

Wieħed ma għandux jinsa' li bħala membri tal-Korp aħna fl-obbligu li nipproteġu lil kulħadd, irrilevanti jekk forsi ma naqblux ma' kulur ta' politika, reliġjon kulur ta' karnaġġjon – aħna qegħdin hemm biex inservu lil kulħadd indaqs.

Huwa mportanti li wieħed ma jħallix l-entuzjazmu jaħrab bih, u fejn ma jasalx jew ma jkunx jaf isaqsi. Ħadd ma telaq jiġri mill-ewwel.

Nawguraw ukoll lit-32 Spettur ġdid li dalwaqt ħa jibdew fi rwol ġdid, u nilqgħu lil dawk il-membri ġodda li jagħmlu parti minn dan il-grupp. Huwa mportanti li minn issa 'l quddiem ħadd mill-membri li diġa' kienu fil-Pulizija ma jinsa' minn fejn telaq jew beda.

Kif wieħed forsi nnota, fit-toroq tal-Belt Valletta ġiet introdotta sistema ġdida ta' ronda – dik bis-Segway. Kien hemm bosta li kkritikaw din it-tip ta' sistema, pero' jekk forsi wieħed jagħti ftit ċans din taf tħalli l-frott mixtieq.







Choose your Finance Plan from 0% Down Payment at 5.5% interest for up to 7 years

*Calculated on 25% Down Payment at 5.5% interest for 7 years.
Part Exchange? No problem!

Terms & Conditions apply.

Gasan Enterprises
Driving Inspiration

**Gasan Automotive Centre**, Mriehel Bypass, Mriehel BKR3000
Tel: 27788330 Fax: 27442007 email: automotive@gasan.com
**Gozo Garage**, 5 Sir Luigi Camilleri Str, Victoria Gozo
Tel: 21551866 / 21553734 Fax: 21556866 email: gozogarage@vjborg.com
Website: www.gasan.com

5 YEAR WARRANTY

# Tqegħid tal-Ewwel Ġebla tal-Bini l-ġdid tal-Akkademja tal-Pulizija f'Ta' Kandja

Wpc25 Charlene Cilia

Matul il-jum tat-Tnejn 11 ta' Lulju 2011, proprju ġurnata qabel ma ċċelebrajna Jum il-Pulizija, sar it-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-bini l-ġdid tal-Akkademja tal-Pulizija.





Naħseb kulħadd b'xi mod jew ieħor sema' jew jaf li l-Akkademja tal-Pulizija, li bħalissa tinsab fil-Forti Sant'Iermu mistennija timxi ġewwa Ta' Kandja, limiti tas-Siġġiewi. F'ċeremonja uffiċjali, qasira kif diġa' għidt, seħħet fil-11 ta' Lulju 2011, fejn kienu mistiedna uffiċjali għolja tal-Korp tal-Pulizija kif ukoll persuni distinti fejn intqal kliem ta' tifħir kif ukoll apprezzament u kuraġġ fil-konfront tal-Korp tal-Pulizija.

Il-Banda tal-Pulizija tat bidu għal din iċ-ċeremonja fejn imbagħad kien il-Kummissarju tal-Pulizija li fid-diskors tiegħu tal-okkazzjoni qal li l-Akkademja l-ġdida mistennija tkun ċentru modern fejn il-Pulizija ser igawdu minn tagħlim komplet kif ukoll *training professjonali.*

Il-Kummissarju tal-Pulizija qal li l-iskop tal-Korp tal-Pulizija wara dan il-proġett hu li ċ-ċittadin ikompli jingħata l-aqwa servizz. Huwa saħaq fuq l-importanza tat-tagħlim u spjega kif dan il-proġett huwa wieħed essenzjali għalina minħabba l-fatt li Forti Sant'Iermu llum il-ġurnata m'għadux iservi l-ħtiġijiet tagħna.

L-Onor. Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, Dr Carmelo Mifsud Bonnici, fid-diskors tiegħu semma' li sabiex fis-soċjeta' tirrenja l-ordni, il-poplu jrid ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu persuni mħarrġa u mqabbda apposta sabiex jassiguraw li l-liġijiet tal-pajjiż jiġu osservati.

Huwa semma' kif dan l-aħħar snin, l-Akkademja tal-Pulizija assigurat li jkun hemm formazzjoni kontinwa u differenti, iktar attenzjoni u kwalita' Dan il-fatt ġab miegħu l-bżonn li wieħed iħares lejn struttura ikbar u iktar moderna u li twieġeb għar-rejaltajiet tal-lum. Huwa għalaq id-diskors tiegħu billi esprima kif wieħed għandu jkollu impenn u determinazzjoni sabiex proġett bħal dan jasal fil-konkluzzjoni tiegħu u permess ta' dan ser inkunu qed nagħtu lura lis-soċjeta għodda aqwa li biha tassigura l-ordni.



Waqt din iċ-ċeremonja preżenti kien hemm ukoll il-

grupp ta' rekluti li bħalissa għaddejjin bil-kors ta' taħriġ tagħhom ġewwa l-Akkademja fejn mistennija jilħqu fil-grad ta' Kuntistabbli fix-xahar ta' Settembru 2011. Infatti l-Onor Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, li għal din l-okkazzjoni ħejja ukoll id-diskors tiegħu, sellem lil dawn ir-rekluti fejn esprima l-kuntentizza tiegħu li rahom preżenti hemm għal din l-okkazzjoni.



Huwa ddeskriva lil dan il-grupp bħala "Demm Ġdid li ser jingħaqad mal-Korp tal-Pulizija". L-Onor Prim Ministru rringrazzja u sellem lill-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija tal-ħidma tagħhom u wera' l-apprezzament tiegħu għas-sostenn li l-Korp tal-Pulizija jagħti f'diversi setturi fosthom l-immigrazzjoni llegali u l-ġlieda kontra d-droga. Huwa semma' il-ħidma qawwija u ko-ordinata li wettaqna proprju din is-sena hekk kif beda l-inkwiet fil-Libja u għal din il-ħidma huwa rringrazzjana.



Fil-fatt, fid-diskors tiegħu, l-Onor Prim Ministru qal li din iċ-ċerimonja qegħda ssir proprju sabiex f'isem il-Gvern jurina li huma jemmnu fil-ħidma tagħna u jemmnu li jridu jkomplu jsaħħu lill-Korp tal-Pulizija kemm f'dak li hu apparat u tagħmir modern, kif ukoll fit-taħriġ u kien għalhekk li b'sodisafzzjon kbir għalih huwa qiegħed l-ewwel ġebla ta' dan il-proċess ta' tiġdid kruċjali għall-Akkademja tal-Pulizija u l-Korp flimkien mal-Onor Ministru Dr Carmelo Mifsud Bonnici u l-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo.




Wara li temmu d-diskorsi tagħhom, sar it-tberik tal-ewwel ġebla mill-Kappillan tal-Korp Fr Raymond Bonnici Kappuċin, u sar ukoll it-tqegħid tagħha. Kien il-mument fejn il-mistiednin avolja f'xemx tiżreġ u sħana tista' tgħid qawwija attendew għar-riċeviment żgħir li tħejja mill-membri tal-Korp.

Waqt dan ir-riċevimet wieħed ma setax ma jinnotax kif l-Onor Prim Ministru reġa' kellem lil grupp tar-rekluti fejn dawn daru u tkellmu miegħu b'mod tista' tgħid rilassat.

Il-proġett u l-pjanti kif ukoll ritratti ta' kif misteni jkun dan il-proġett la jitlesta kienu mwaħħla sabiex wieħed ikun jista' jieħu ideja ta' kif ħa jkun il-proġett finali.



B'ħarsa żgħira lejn x'mistennija toffri din l-Akkademja ġdida, naraw kif din ser tkun tinkludi faċilitajiet ta' taħriġ, laqgħat, spazju miftuħ, dormitorju, blokk amministrattiv għall-uffiċini, librerija kif ukoll klassijiet.

Ta' min wieħed jgħid li dan il-proġett huwa avvanz modern sabiex il-membri tal-Korp tal-Pulizja jkompli t-taħriġ tagħhom skond it-tibdil kontemporanju globali li kontinwament qed


Only at
M&S
MARKS & SPENCER
Autograph
Sliema - The Strand · Valletta - Palace Square · The Point - Tigne · Baystreet - St George's Bay




Ħafna ideat tajbin jitfasslu fuq karta. B'Personal Loan tal-BOV il-proġetti u l-aspirazzjonijiet tiegħek jieħdu l-ħajja.

Kellimna llum għal self li huwa tassew personalizzat u jgħinek takkwista dak li dejjem xtaqt.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV PERSONAL LOAN**
**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

BOV 29123

Is-self kollu huwa suġġett għal kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-fergħa tiegħek tal-BOV. Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

BOV
Bank of Valletta

isir. Wieħed ta' min jgħid li l-Akkademja preżenti bħalissa qiegħda f'bini storiku (Sant'Iermu) li kien jintuża' bħala fortizza sa minn żmien il-Kavallieri u kien propju li għalhekk inbnit l-Akkademja l-ġdida f' Ta' Kandja. Dan juri li l-Amministrazzjoni tal-Korp timxi ma l-istorja u timxi lejn il-moderniżmu fil-quddiem u b'hekk ser isir dan il-proġett sabiex it-tagħlim u taħriġ ikun aktar intensiv u modern f'kumpless wieħed. Dan biex il-Korp ikompli jżomm il-livell tiegħu fl-istess livelli ta' korpi oħra ġirien tagħna u aħjar skond il-bżonn ta' pajjiżna.




Fil-fatt, kif qed isir u ser ikompli jsir it-taħriġ huwa ta' kuljum u kontinwu bid-differenza li fil-bini l-ġdid u modern u faċilitajiet aktar attrajenti l-perswazzjoni li jkun hemm l-akbar professjonilita' ser ikun aktar komplet.



Permezz ta' dan l-artiklu rigward il-ġurnata taċ-ċerimonja nirringrazzjaw lil membri tal-Pulizija li qegħdin stazzjonati fis-Sezzjoni tat-Trades kif ukoll lir-rekluti tal-għajnuna u x-xogħol tagħhom sabiex setgħet issir din iċ-ċerimonja. Ringrazzjament ukoll immur għas-Supretendent Mario Spiteri u l-Ispettur Marisa Camilleri li permezz tax-xogħol tagħhom din iċ-ċerimonja kellha riżultat pożittiv. Fl-aħħar u qatt l-anqas, nirringrazzjaw lill-Onorevoli Ministru Dr. C Mifsud Bonnici LL.D u lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo talli b'diliġenza ippjana dan il-proġett, li minn ħolma u minn fuq il-karta, issa ser isir realta'.



ame
health and safety services ltd.




**AME health and safety services ltd** is a locally based consultancy and training provider in the Occupational Health and Safety field. We provide our services to all business operators in industrial, commercial and any work environment that entail human activity.

AME is made up of our highly specialized team of qualified personnel in Diploma for Social Studies (Occ. Health and Safety) University of Malta accredited by the Institute of Occupational Health and Safety (IOSH, UK)

Our commitment is to promote awareness and procedures in accordance with Occupational Health and Safety Regulations.

**RISK ASSESSMENTS • OHS MANAGEMENT CONSULTANCY • INSPECTIONS • TRAINING**

Innovation Centre, Apartment 2, Tower Street, Swatar, B'Kara BKR 4012. Tel: 2149 5781 Fax: 2144 6234 www.ame.com.mt

# Diżappuntat - DR. A.C. Antoine Casha - Delegat fil-Konferenza Ġenerali

M'għandix spazju biex nesprimi dak kollu li rrid ngħid – iżda mhux b'dan diżappuntat. Diżappuntat bil-mod kif qed niġu trattati mill-awtoritajiet konċernati u wisq iżjed mill-Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzoni tal-Pulizija ta' Malta (MPA). Donnu li l-Eżekuttiv tal-MPA, jew għal inqas xi uħud minnhom, tilfu dik il-ħeġġa li kellhom meta bdew iduru 'l hemm u 'l hawn biex jiġu eletti bħala membri tal-Eżekuttiv.

Ilni żmien twil nisħaq fuq l-importanza ta' kommunikazzjoni bejn l-Eżekuttiv tal-MPA u l-membri tagħha kif ukoll mal-Midja in ġenerali. Sar xi titjieb fuq l-ewwel binarju meta twaqfet paġna fuq *Facebook* u saret *webpage*. Iżda dan mhux biżżejjed. Mhux kulħadd għandu *Facebook* account jew aċċess għal internet. Laqgħat ta' informazzjoni mad-delegati u wisq aktar mal-membri huma, fl-opinjoni tiegħi, importanti. F'dawn il-laqgħat, wieħed ikun jista' jagħmel domandi biex l-affarijiet jkunu aktar ċari.

Wara li saret pressjoni minni, fl-aħħar saret laqgħa nformali ta' informazzjoni għad-delegati tal-Konferenza Ġenerali. Din il-laqgħa tlabtha wara li l-Eżekuttiv kien laqqa' lil kull membru biex jinformah bl-offerta li għamel il-Gvern fuq it-talba ta' l-Assoċjazzoni dwar il-ħlasijiet ta' l-*overtime* b'lura. L-Eżekuttiv dak iż-żmien kien stqarr li se ssir votazzjoni fuq din it-talba – din il-votazzjoni ma saritx u għalhekk xtaqt inkun naf, kif għandu dritt kull wieħed u waħda minna, x'ġara wara dawk il-laqgħat li saru mal-membri tal-Korp u x'kienet r-raġuni li ma saritx il-votazzjoni.

Wara ħafna qtiegħ il-qalb u skużi min-naħa ta' l-Eżekuttiv, fl-aħħar issejħet laqgħa fl-10 ta' Awwissu 2011. Pero' jiddispjaċini ngħid li għalkemm kien hemm attendenza sabiħa ta' delegati, dan ma kienx il-każ min-naħa tal-membri tal-Eżekuttiv. Numru ta' membri tal-Eżekuttiv li ma kienux eżentati baqgħu ma dehrux u ħallew lis-Segretarju waħdu! Din żgur mhux attitudni xierqa.

F'din il-laqgħa, fost ħwejjeġ oħra, staqsejt x'qed jiġri fuq it-talba tal-MPA biex issir *Union*. Ir-risposta li ħadt kienet li ma kien hemm l-ebda żviluppi. Iżda, jien saqsejt kemm qed tkun pro-attiva l-MPA – per eżempju, ġie ppreparat xi abbozz ta' statut għal meta jkun hemm *Union?* Risposta: Ie. X'qed nistennew? Għalfejn ma kkonsultajniex *Unions* tal-Pulizija ta' barra biex naraw x'għandhom huma u napplikawh għaċ-ċirkostanzi tagħna; għalfejn ma ppreparajniex abbozz aħna u ressaqnih lill-Ministru? Ma nistgħux nistennew il-bajtra taqa' f'ħalqna! Hemm bżonn li jibda eżerċizzju immedjat biex jiġi ppreparat abbozz ta' statut ta' *Union.*

Staqsejt ukoll dwar ir-relazzjonijiet tal-MPA mal-Midja. Fl-1 ta' Ġunju 2011 u fit-12 ta' Lulju 2011, gazzetta prominenti lokali bl-Ingliż iddedikat l-Editorjal tagħha għall-Korp tal-Pulizija u t-talbiet tal-Assoċjazzjoni. Lanqas kien hemm kumment wieħed! Fejnu l-Eżekuttiv? Nistgħu naffordjaw li jkollna mbottatura bħal dik mill-Midja u norqdu fuqha? Ir-risposta min-naħa tal-Eżekuttiv kienet li biex joħorġu stqarrija irrid ikun hemm approval mill-Eżekuttiv kollu!! Iżda mill-1 ta' Ġunju sal-lum kien hemm żmien biżżejjed u xorta ma sar xejn.

Din m'hix serjeta'! Nifhem li jrid ikun hemm struttura biex tiwerifika x'joħroġ lill-Midja iżda din m'għandhiex tkun b'mod li xxekkel li tiġi kkomunikata r-reazzjoni, pożittiva jew negattiva, tal-MPA. Hemm bżonn, ta' struttura aħjar biex l-Assoċjazzjoni tiddilja mal-Midja u tirreaġġixi b'mod immedjat u deċisiv fuq materja li tikkonċerna l-Pulizija.

L-Eżekuttiv tal-MPA jidher li ngħalaq fih innifsu – jistenna il-manna nieżla'. L-iskuża li jġibu xi uħud mill-Eżekuttiv hi li peress li aħna m'għandniex *Union,* ma nistgħu nagħmlu xejn aktar. Dan mhux veru. Donnu li meta l-Assoċjazzjoni ssir *Union* se jinżel xi don fuq dawk preżenti biex jilluminahom u jinfetħu l-bibien kollha. Jgħidu li bagħtu *email* lil dak u lil ieħor u jieqfu hemm! Daqshekk? Jekk hemm bżonn ibgħat *reminder* kuljum sakemm ikollok risposta! Trid tkun ippreparat, serju, konvinċenti u persistenti u tuża' l-mezzi kollha leġittimi disponibbli għalik biex tilħaq l-għan tiegħek.

Jien iddiżappuntat li dan mhux qed isir u nawgura li dawn is-suġġerimenti u oħrajn li għaddejt lil Eżekuttiv tal-MPA jiġu kkunsidrati b'mod pożittiv.

Saħħa






Art. 068783 Size 36 - 41
Art. 068784 Size 40 - 47



Art. 068773 Size 36 - 42
Art. 068774 Size 40 - 47



Art. 068753 Size 36 - 42
Art. 068754 Size 40 - 47

Slip-resistant Vibram® outsole for grip and traction in any situation

Antistatic shock-absorbing direct-injected PU midsole to minimize joint and muscle fatigue

Receptor Technology plate for optimized guidance through every step

Internal heel-stabilizer which encapsulates the heel and minimizes the degree of pronation

Poliyou interchangeable inlay sole for all-day comfort feeling

Anatomically-moulded heel-counter for superior heel grip

100% waterproof GORE-TEX membrane for maximum comfort in all weather conditions

Full grain leather-upper construction

vibram®



ECCO Professional series has been developed to deliver high quality occupational and industrial comfort footwear without steel toe according to DIN EN ISO 20347. They are currently being delivered to the Dansk Police Force, DSB Danish Railways, Post Danmark, Danish Rescue and Security and Traffic Wardens.

All styles in the ECCO Pro Series are equipped with 100% GORE-TEX® membrane which is the most durable waterproof, windproof and breathable material on the market. The GORE-TEX® membrane consists of approximately 1.4 billion pores per square centimetre. No water or moisture can penetrate through the membrane from the outside. The membrane allows the water-vapour molecules to pass through easily. This protects the body from becoming either too cold or from overheating.

The application of shoe care products is highly recommended after exposure to wet conditions in order to retain the unique water-repellent features of leather.

Tower Shoes,
4, Tower Road, Sliema
**2133 3777**

St. Julian's Road,
San Gwann
**2137 8433**

King Shoe Shop
Tigrija Palazz (Level 2) - Gozo
**2156 9423**

Ordnance Str,
Valletta
**2122 4804**

Level 0, Baystreet
St. Julian's
**2372 0010**

ecco®
ecco-shoes.com.mt

# Law Enforcement Torch Run 2011

Pc376 Andrew Grech

Riċentament ġejt mistieden mill-*Ispecial Olympics Malta* sabiex nieħu sehem fil-*Law Enforcement Torch Run,* li din is-sena kellha ssir ġewwa l-Greċja.




Din l-organizazzjoni hija r-riżors ewlieni sabiex jinġabru l-fondi neċessarji u kif ukoll biex titqajjem kuxjenza għall-atleti b'diżabbilita' intelletwali.

Pulizija minn madwar id-dinja, flimkien ma' ammont ta' atleti jiġru tul il-pajjiż organizattiv tal-*World Special Olympics* bit-Torċa Olimpika. Bħal kull Olimpjadi oħra dawn il-logħob jiġu organizzati kull 4 snin, bl-ewwel edizjoni tkun fl-1968 fejn kienu ħadu sehem l-Istati Uniti u l-Kanada biss.



Minn dak iż-żmien sal-ġurnata tal-lum, qed jinġabru fondi neċessarji biex jgħinu madwar 3.4 miljun atleta minn madwar 180 pajjiż fid-dinja, f'kultura sportiva u li ma tinjora lil ħadd.

Ta' min isemmi li din kienet l-ewwel darba li Pulizija Malti ġie mistieden għall-*Law Enforcement Torch Run,* minn kemm ilha fis-seħħ mill-1981.








## An investment plan offering YOU

- Access to capital markets from as little as €50, US$50 or £30 per month
- Diversification opportunities
- Liquidity at short notice
- Professional Investment Expertise

a flexible plan to meet your needs

**MONTHLY INVESTMENT PLANS**

VALLETTA FUND MANAGEMENT

**8007 2344 | vfm.com.mt**
BOV Branches in Malta and Gozo
& Licensed Financial Intermediaries

The value of the investment may fall as well as rise and any initial and/or exit fees may lower the amount invested and the amount received upon redemptions. Investments should be based on the full details and terms stipulated in the Prospectus, which may be obtained from Valletta Fund Management Limited ("VFM"), Bank of Valletta p.l.c. ("BOV") Branches and licensed financial intermediaries. VFM is licensed to provide Investment Services in Malta by the MFSA. Issued by VFM, TG Complex, Suite 2, Level 3, Brewery Street, Mriehel BKR 3000. Source: VFM

F'Mejju li għadda kienet organizzata t-*Torch Run*,f'pajjiżna fejn l-atleti tal-*iSpecial Olympics Malta*, flimkien magħna l-Pulizija, ġrejna bl-istess torċa mill-Imsida sa San Ġiljan. Din kienet esperjenza sabiħa fejn rajna entużjażmu u ħeġġa kbira mill-istess atleti.



Il-mawra tiegħi ġewwa l-Greċja bdiet fis-7 ta' Ġunju 2011 u minn jumejn wara jien u 120 Pulizija oħra ġejna maqsumin fi tliet rotot differenti u bdejna niġru madwar il-pajjiż. Jien ġejt assennjat in-naħa tal-Punent tal-Greċja flimkien mal-gżejjer ta' Korfu' u Zakynthous.



Il-kowċ kienet titlaq bina minn filgħodu kmieni u nerħula għall-pjazez fejn kien hemm jilqawna b'entużjażmu kbir s-Sindki rispettivi u ċ-ċittadini tal-lokal. Aħna l-Pulizija għaddejna l-messaġġ tagħna rigward l-għan prinċipali ta' din l-għaqda, fejn kull wieħed u waħda minnha kellu jagħmel d-diskors ta' l-okkazjoni. F'21 ġurnata li qattajt ġewwa l-Greċja, ġrejt il-fuq minn 200km u żorna madwar 65 belt differenti.

Is-26 ta' Ġunju kienet il-ġurnata tal-ftuħ tal-Olimpjadi quddiem 50,000 spettatur. Spettaklu kbir ġewwa l-*istadium* fejn seħħew l-ewwel Olimpjadi moderni lura fl-1896 ġewwa Ateni. Ipparteċipaw personalitajiet bħal Stevie Wonder, l-ex-ġinnasta ta' fama Mondjali, Nadia Komaneci u l-plajer tal-Basketball Ċiniż li jilgħab fl-NBA, Yao Min, fejn ukoll kelli l-okkazjoni li niltaqa' magħhom.



L-għadda bdiet l-avventura ta' *Special Olympics Malta*, b'delegazzjoni ta' 38 atleta u kowċis fejn ħadet sehem f'sitt dixxiplini differenti: Atletika, Bowling, Boċċi, Futbol, Ġinnastika u Għawm. F'dawn il-logħob, li spiċċaw fl-4 ta' Lulju 2011 ħadu sehem madwar 7,000 atleta u ta' min jgħid li l-atleti Maltin għamlu unur kbir lil Malta bir- rebħiet totali ta' 46 midalja li kienu, 15 tad-deheb, 17 tal-fidda u 14 tal-bronz.



Minn hawn nixtieq ngħid prosit tassew lil kull atleta li ħa sehem f'dawn l-Olimpjadi u lill-kontinġent Malti tax-xogħol siewi li qed jagħmel ma' dawn iż-żgħażagħ. Ma nistax nonqos milli nirringrazzja lil *Special Olympics Malta* u lill-Korp tal-Pulizija tal-opportunita' li tani li nqatta' tliet ġimgħat mill-isbaħ ma' atleti li huma verament speċjali.

Puttinu Cares,
Rainbow Ward,
Mater Dei Hospital,
Tal-Qroqq.

www.puttinucares.org

info@putinucares.org
+356 2545 4912

31st January, 2011.

Dear PC 401,

On behalf of all the children who come to Rainbow Ward for treatment, their families, the staff and all the members of the **Puttinu Cares Children's Cancer Support Group**, I would like to thank you for your generous donation of ***€200***. This contribution is very much appreciated.

**Thanks again for your generosity.**

Best regards,

Mary Rose Bugeja
**Mary Rose Bugeja**
Assistant Treasurer

---

Kummissarju John Rizzo
Kwartieri Generali tal-Pulizija
Floriana

25 ta' Jannar 2011

Ghaziz Kummissarju,

F'isem il-familja tieghi u l-familja ta' l-ghaziz zewgi PC322 Marvin Busuttil li halliena tragikament fl-20 ta' Jannar nixtieq nirringrazzjak ghall-ghajnuna kbira li sibna minghandek.

Grazzi talli bl-ghajnuna tieghek Marvin inghata l-ahhar tislima bl-isbah mod li kien jixraqlu.

Nixtieq ukoll niehu l-okkazjoni biex nirringrazzja lill-Korp kollu ghax-xoghol siewi li jaghmlu u ghas-support kontinwu.

Grazzi mil-qalb

Nadine Busuttil

---

Mr. ...
Com...
Polic...
Floria...

Dear C...

On Feb... Jean Pa... and onc... individu... break in... Unit was ...

The vehic... patrolling... vehicle wo...

I know that... disciplined... at our Emba... hands.

Please pass o... Unit for their... your continuo...

Sincerely,

Joseph Fsad...
Special Inve...

---

25th January, 2011.

The Commissioner of Police,
Police Headquarters,
Floriana.

Dear Sir,

RE: WPC 7 – Theresa Cuschieri

On Saturday 9th October, 2010 at about 11.15pm, I returned to my car which was parked in Hospitallers' Street in Valletta to find that the rear windscreen had been smashed and I phoned the Valletta Police Station for assistance.

I felt I had to write to you to commend WPC 7 – Theresa Cuschieri, who assisted me that evening because I was struck by her courteousness, efficiency, helpfulness and most of all her calm and reassuring kindness when I was in a state of shock at the incident. She also kindly telephoned me the next day to give me the number of the police report that she had filed so that I would be able to collect it from St Julian's Police Station on Monday morning.

I was also compelled to write because my mother, who was with me that evening, recognised Ms Cuschieri as the young police officer who was so helpful about a month earlier when she went to the Valletta Police Station to request information regarding vehicle entry into Republic Street to transport flower arrangements for a wedding. Ms Cuschieri patiently explained all she could and informed her in the same courteous way that she helped us out on the evening of the 9th October.

Ms Cuschieri has proved to be an excellent ambassador for the Malta Police Force and I am sure she must be an inspiration and example to her fellow colleagues in the force.

Yours faithfully,

Karen M. Zammit Manduca (Mrs).

---

VIRTU FERRIES LIMITED

All correspondence to:
"Virtu", Ta' Xbiex Terrace, Ta' Xbiex XBX 1034
Tel: (+356) 2349 1000
Fax: (+356) 2131 4533
e-mail: admin@virtuferries.com
Company Registration N°: C11563

30th January 2011

Mr John Rizzo
Commissioner of Police
Police General Head Quarters
Floriana

Dear Mr Rizzo,

Re: Bomb Hoax on M/V Jean De La Valette

On behalf of the Board of Directors and staff of Virtu Ferries Limited I want to thank you and the members of the Police Force for the rapid and successful conclusion to the bomb hoax incident on board M/V Jean De La Valette.

We are particularly grateful to your officers for keeping lines of communication open with our ship's Master throughout this episode. This enabled us to treat the matter as a hoax from very early on in the incident and to formulate our actions accordingly, to the benefit of our passengers.

Yours sincerely,

...enri Saliba
...anaging Director

VIRTU FERRIES — VENEZIALINES — VIRTU FERRIES Travel

...ons / Operations: Upper Vault 1, Pinto Wharf, Valletta FRN 1910 Ticketing office: Sea Passenger Terminal, Pinto Wharf, Valletta FRN 1910
Reservations: (+356) 2206 9022 Ticketing: (+356) 2206 9044 Fax: (+356) 2123 5435 e-mail: res@virtuferries.com

---

**Mamo Alexandra a...**

**From:** Floriana... Mamo ...
**To:**
**Cc:**
**Subject:** Prosi...
**Attachments:**

Ghaziza Supriten...

Dalghodu kelli xi... mill-ewwel. Fil-fa... gabbani b'eduk...

Prosit

Kenneth

---

**CMRU at POLICE**

**From:** Tonio Azzopardi
CMRU at POLICE
**To:**
**Cc:**
**Subject:**
**Attachments:**

WPC Pace,

Thank you for your prompt ...

I wish to congratulate the ... service. Keep it up.

Best regards

Dr Tonio Azzopardi

**United States Embassy**
Valletta, Malta
Regional Security Office
*Joseph Fsadni, Special Investigator*

hn Rizzo
issioner of Police,
Headquarters,

February 11, 2011

mmissioner Rizzo,

ary 10, 2011 at around 1700 hours, SAG and District police officers on duty PC 910, and PC920 Clive Pace, noticed an individual loitering in the vicinity of the Embassy point hid behind a parked vehicle. Both police officers became suspicious of the behavior and upon investigating his intensions; they caught him in the act of trying to the parked vehicle. The officers called control room and within minutes, the Mobile location to escort the individual.

happened to belong to one of the Embassy's Local Guard who at the time was e building. If it wasn't for the keen attention and the quick action the officers took, the d have been stolen.

C 920 Clive Pace and PC 910 Jean Pace have always been smart, meticulous and well lice officers. I regard them as two fine professional police officers that perform duty y. Whenever I see them here, I am always sure that Embassy personnel are in safe

our appreciation and thanks to PC 920 and PC 910 and also to the Valletta Mobile nmediate response and a job well done. The Regional Security Office appreciates assistance, support and cooperation.

gator

3 ta' Frar 2011

Għeżież,

Nixtiequ ngħidulkom prosit tal-ħidma siewja u f'waqtha li wettaqtu fis-kas tagħna. J'Alla ix-xogħol diffiċli tagħkom ikun imbierek u apprezzat minn kulħadd. Minn naħa tagħna ngħidulkom grazzi kbira ħafna u l-Bambin iberikom.

Grazzi mill-qalb.

Joe + Annie Scicluna.

This brings a heartfelt thank you
for everything you've done,
To make the world a special place -
a truly happy one,
And tucked inside this message
is a wish for nothing less,
Than a life that's filled with so much joy
along with lasting happiness.

Thank You

# Efficient police officers in Qawra

▪ Our home was burgled last week and at the time we had family staying, including two small children. The Qawra police were not only efficient but considerate to our situation.

The burglar was apprehended and the case was then handed over to the Mosta police.

He was brought before the court and after the hearing all of our belongings were handed back to us and this all within 4 hours.

A very big thank you and well done to all the people involved.

**Maureen and James Hawkins**
*Buġibba*

**Sent:** Fri 04/03/2011 12:34

POLICE
Local Council at DLG
lexandra at POLICE

ent

problemi ma' tal-gabbani gewwa l-ufficcju, u kif cempilt l-ghassa tal-belt gew zewg pulizija
t qed nibghat din l-email biex nirringrazzja lil dawn iz-zewg pulizija li ikkontrollaw lil tal-
zzjoni kbira u b'awtorita' kif suppost. Dawn huma PC 1297 u PC618.

**Sent:** Fri 11/03/2011 10:55

eply.
alta Police Force for this excellent

**Zammit Timothy at POLICE**

**From:**
**Sent:** 05 April 2011 14:16
**To:** Police Computer Crime at POLICE
**Subject:** re Parental Cyber Crime educational talk

The Archbishop's Seminary,
Tal-Virtu', Rabat, Malta RBT 2604
Tel- 21 455 497

Dear Sgt Edward Zammit,

On behalf of the Archbishop's Seminary School, the PTA committee would like to thank you for the intensive and interesting talk you gave to our students' parents last Friday.

It was well appreciated and beneficial to those present.

Thanks and regards

Julie-Anne Caruana
PTA secretary

# Il-Missjoni EULEX fil-Kosovo L-ewwel Pulizija Malti mat-taqsima tal-Ħelikopters

PC 40 RAYMOND SALIBA

Dan l-aħħar fi ħdan il-Missjoni Eulex fil-Kosovo nħasset il-ħtieġa li tinħatar persuna dedikata u responsabbli fi ħdan l-*Special Police* (SPD) sabiex jieħu ħsieb il-*Heli-Pad* li hemm fil-Kamp 24/7 kif ukoll jieħu ħsieb it-tagħmir tat-tifi tan-nar li hemm fil-post. Tagħmir importanti li jista' jintuża speċjalment għal waqt xi nżul jew tlugħ ta' ħelikopters.




Wieħed isib 2 ħelikopters li huma għal użu tal-Missjoni EULEX fil-Kosovo, 2 tat-tip S330 PUMA u 2 C135 MEDEVAC li jintużaw bħala ambulanzi. Il-Piloti u l-istaff li jagħmlu użu minn dawn il-ħelikopters m'humiex Pulizija.

Kien fil-5 ta' Mejju, 2011 li PC40 Raymond Saliba ġie msejjaħ sabiex ikun preżenti għall-*interview* u eżami fuq suġġetti li jirrigwardjaw il-*Helicopter Marshaller and Fire Party Officer.*



Dan ix-xogħol jirrigwardja li jsiru sinjali bl-idejn matul il-ġurnata, fejn wieħed jista' wkoll juża' l-istikkek tal-idejn (Wands), waqt li bil-lejl jintuża' stikkek simili imma li jkunu jixgħelu oranġo (li jissejħu Wands Hand Signalling Sticks).

Kull sinjal huwa importanti għax għandu sinifikat għal kull pilota li jkun qed isuq il-ħelikopter. Jekk is-sinjali ma jinqrawx tajjeb, ikun ifisser li jista' jkun hemm xi nċidenti mhux mistenni. Dawn is-sinjali huma sinjali internazzjonali tal-Avjazzjoni. Apparti dan il-mod ta' kommunikazzjoni, jista' wkoll jintuża' il-VHF Radio.



Ix-xogħol involut kull darba li jkun ser jinżel ħelikopter huwa li l-Kuntistabbli Saliba jingħata program ta' xi jkun hemm titjiriet biex dan jipprepara l-ħinijiet li għandu jkun fuq l-*apron.*

Meta l-ħelikopter ikun għaxar minuti 'l bogħod mill-inżul, jikkommunika mal-Kuntistabbli Saliba permezz tar-radju. Interessanti huwa l-fatt li l-Kuntistabbli Saliba irid joqgħod attent għal fejn ikun qiegħed jonfoħ ir-riħ biex dan ma jfixkilx fl-inżul tal-ħelikopter. F'dan l-istadju tingħata d-direzzjoni fejn ikun ser isir l-inżul u l-Kuntistabbli Saliba jippostja ruħu fuq il-*helipad.* Wara li tingħata l-*all clear* il-



# TransVu

## Tested to the Limits

Specifically designed for harsh transportation environments, the Malta built TransVu, ruggedized surveillance solution is tested to its limits, experiencing shock and vibration ranging from 3 to 40g as a result of being installed in the RML-AD Sportscar Prototype LMP2 car which runs at the Le Mans 24 Hours and the Le Mans Series in Europe.

The TransVu integrates live and recorded video with vehicle telemetry data such as speed, braking/accelerating and GPS location, through standard interfaces such as CAN-bus. This provides operators with valuable extra information about the efficiency of the vehicle and the way it's driven therefore increasing the return on investment and profit for the operator's business.

With this sophisticated suite of transport focused features and a proven resilience to extreme operating environments, the TransVu is ideal for public or commercial vehicle application such as buses, taxis and trains.







**To see the TransVu in action, visit:**
**http://www.youtube.com/anglodesigngroup**

**DEDICATED MICROS**

**•Tel: 21 483673, 23819238 •Email: sales@dmicros.com.mt •www.dedicatedmicros.com**

Photo: AD Group RML Car #25 at Ford Chicane at Le Mans 24 Hours 2010. Photographer: Jan Hettler.
For more information on the AD Group race programme, visit: www.rml-adgroup.com

©Copyright AD Group 28.7.2011


GLOCK®
PERFECTION
SPECIAL OFFER ON ALL GLOCKS
TO ALL POLICE OFFICERS
fieldsports
FIREARMS & AMMUNITION
17 Parish Square, Mellieha MLH1070
Tel 21522602, Mob 99458801
email info@fieldsportsmalta.com
www.fieldsportsmalta.com

pilota jkun jista' jniżżel il-ħelikopter.

Sabiex isir dan ix-xogħol delikat wieħed irid ikollu apparat adekwat. Il-Kuntistabbli Saliba ngħata l-apparat mill-Missjoni stess, fosthom żewġ *flying suits* oranġo, *helicopter helmet (ANVIS 6), Aviator night vision image system,* par ingwanti suwed u par stikkek tal-idejn jixgħelu *(Marshalling Hand Signalling Wands Sticks).*



Il-Kuntistabbli Saliba jħossu onorat u kburi li s-superjuri tiegħu urew fih fiduċja sħiħa sabiex jibda jagħmel dan ix-xogħol, fejn din is-sejħa ġiet bħal sajjetta fil-bnazzi għalih. Huwa jammetti li fih dejjem kellu l-passjoni u huwa dilettant tal-ħelikopters, xi ħaġa li għenet sabiex javanza għal dan ix-xogħol.



Xogħol li kien jagħmel meta kien stazzjonat Malta, u li forsi qiegħed jgħin lil Kuntistabbli Saliba f'din il-Missjoni ġewwa l-Kosovo huwa meta għamel 4 snin pumpier mat-Taqsima tat-Tifi tan-Nar, qabel din ingħaqdet mal-Protezzjoni Ċivili.

Fi żmien il-Korp tal-Pulizija kellha fi ħdanha taqsima tal-ħelikopters, u dan il-Kuntistabbli Saliba jiftakru sew għax kien iż-żmien li huwa ngħaqad mal-Korp tal-Pulizija fl-1979. Il-bażi tagħhom kienet fil-Barracks ta' St Patricks u l-Korp kellu 5 ħelikopters: 4 BELL 47 G2, li kienu ngħataw lil Malta mill-Gvern Ġermaniż u wieħed BELL JETRANGER 206 A li kien ingħata mill-Gvern Libjan.



Fl-1987 il-Gvern Taljan permezz tal-Guardia Di Finanza kien irregala lil Malta żewġ ħelikopters tal-għamla Hughes 369 sabiex ikun jista' jiġġieled il-ġlieda kontra l-kuntrabandu u t-traffikar tad-Droga aħjar. Pero' kien fl-1972 meta t-Taqsima tal-ħelikopters saret parti mill-Forzi Armati ta' Malta, fejn għadha tiżvillupa għal ħtiġijiet tal-pajjiż sal-lum.



Għall-Kuntistabbli Saliba hija ħasra li l-Korp tal-Pulizija Maltija m'għadx għandha użu tal-ħelikopters bħal Forzi oħrajn barranin sabiex jiġġieldu l-kriminalita'. Jammetti li fi 32 sena servizz ra l-Korp tal-Pulizija jinbidel skond l-esiġenzi tal-ġurnata.

Għalkemm dan l-artiklu inkiteb mill-Kuntistabbli Saliba, minn dawn il-paġni nawgurawlu kull suċċess fil-ħidma tiegħu u nirringrazzjawh talli bix-xogħol li qiegħed iwettaq qed jgħolli l-istima u l-isem fejn jidħol il-Korp tal-Pulizija Maltija.

# Mudell tal-Erojiżmu u n-Nobbilta
# It-Traġedja tal-Wellington f'Ħal Qormi

SM1133 Joseph Borg

Ġrajja misluta minn sensiela ta' ġrajjiet traġiċi li seħħew waqt żmien it-Tieni Gwerra Dinija; tisfuma kemm xejn mill-għali u d-dieqa għall-ewwel xenarji tagħha, b'azzjoni ta' salvataġġ minn Pulizija, li għalkemm kien jaf illi sejjer ipoġġi ħajtu f'xifer il-mewt, għeleb kull biża' jew ħsieb ieħor milli seta' jżommu lura, biex b'hekk seħħlu li jsalva ħajja ta' bniedem, eżatt u fil-ħin mal-istess appuntament tad-destin. Dan l-att wasslu wkoll, sabiex barra li ta xhieda ta' qlubija - onora l-prinċipji ewlenin tal-ġurament li ħa **"li jsalva l-ħajja u l-propjetà"** b'mod erojku.

Din it-traġedja kienet seħħet fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Novembru tal-1940, għall-ħabta tal-00.15am, skond kif kien ġie rrapurtat, fl-inħawi ta' Triq Dun Marju Qormi. Għalkemm il-kawża ta' dan l-effett diżastruż seħħ b'sempliċiment inċident tal-avjazzjoni, aktar milli, minn kif wieħed ikun qed jistenna, jiġifieri minn xi attakk mill-għadu, xorta waħda titqies li seħħet f'sitwazzjoni ta' gwerra. Meta waqt li ajruplan Bristol Bomber, tat-tip Wellington – tar-'Royal Air Force' li kien jintuża' mill-Ingliżi kontra l-għadu fl-Italja u fl-Afrika ta' Fuq, tar mill-mitjar ta' Ħal Luqa u hekk kif kien qed jittajjar fuq l-inħawi ta' Ħal Qormi, iġġarraf fuq xi djar u barriera, li għal dak iż-żmien kienu jitqiesu li jinsabu fit-tarf tar-raħal - wara li għal xi raġuni żviluppawlu xi ħsarat.

Il-bdot tal-ajruplan jingħad li pprova jagħmel minn kollox sabiex iniżżel l-ajruplan fl-għelieqi, iżda b'xorti ħażina ma rnexxilux għal ftit metri u spiċċa biex baqa' nieżel fuq żewġt idjar u tfarrak hemm.



Parti mill-ajruplan imġarraf fuq il-bini




Il-Bristol Bomber tat-tip Wellington

Parti mill-ajruplan spiċċat ġo barriera li kien hemm fuq wara ta' dawn id-djar, b'erbgħa mill-membri tal-ekwipaġġ b'kollox. Din il-barriera kienet fonda madwar 100 pied u f'dawk iż-żminijiet, fiha, kien qed jinxteħed it-terrapien li kien joħroġ mit-tqattieh tal-blat tax-xelters, li kienu qed jitħaffru bil-bosta f'dawk l-inħawi, ma' xi mbarazz ieħor li kien qed jintefa' hemm ukoll.

In-nies tal-inħawi kienu semgħu l-ħoss tal-ajruplan u ndunaw minħabba l-ħsejjes qawwija li kien qed jagħmel għax kien għaddej fil-baxx ħafna. Uħud minn dawk li ħarġu barra biex jarawh, kienu qalu li bdew jaraw ħiereġ minnu ammonti kbar ta' xrar tan-nar ikkuluriti, l-aktar fl-aħmar u l-isfar li bdew iduru miegħu.

F'waħda miż-żewġt idjar li fuqhom iġġarraf l-ajruplan, kien hemm ċertu Fredu Agius u martu Dolor ma' wliedhom Ġuzeppa, Gejtu, Lucija, Ġanni u Ġorġ, b'etajiet ta' bejn it-12-il sena sa sentejn. X'ħin ġrat id-diżgrazzja lkoll kienu reqdin. Id-dar ħadet in-nar u ġġarfet bil-kapijiet tal-familja jispiċċaw mirdumin u mejta. Waqt li b'xorti tajba l-ħames ulied ma kien korra ħadd minnhom, għajr li waħda miż-żewġt ibniet sofriet minn ferita ħafifa fuq ġbinha.

Wieħed mill-persuni tal-ekwipaġġ li kienu fl-ajruplan ħelisa ħafif u flimkien ma' ċertu Ġużeppi Sammut "tal-Putes", minn Ħal Qormi, suldat fir-*'Royal Engineers'*, li kien joqgħod quddiem id-djar li ġġarfu, f'tarf Triq Dun Marju; irnexxielhom jeħilsu wkoll lit-


CARUANA CONSTRACTIVE CO. LTD.
WE BUILD YOUR FUTURE
BUILDING & TURNKEY
CONSTRUCTION
CRANE HIRE SERVICE
DIRECTOR: PETER CARUANA
13, TRIQ TAL-WEJ, MOSTA MST 2464
TEL: 21423851 - FAX: 21 424292
MOB: 7942 8465
E-MAIL: CACTIVE@GO.NET.MT
WWW.CONSTRACTIVE.COM
ISUZU
LEYLAND



Il-Kuntistabbli 347 Karmenu Camilleri

tfal bl-għajnuna tal-Pulizija li kienu diġà waslu fuq il-post. Wieħed minn ulied tal-familja Agius, li jiġi l-akbar wieħed, Karmnu dak inhar kien frank, peress li hu kien jaħdem l-isptar. Ġara li f'dik il-lejla kien iltaqgħa ma' ħabib tiegħu u dan kien stiednu sabiex jibqa' d-dar miegħu matul il-lejl ukoll. Id-dar ta' sieħbu kienet biss ftit metri 'l bogħod minn fejn seħħet id-diżgrazzja u b'hekk kien ħelisha b'lixxa.

F'waħda mid-djar li kien ġie fuqhom l-ajruplan numru 48, fi Triq Dun Marju, kien hemm ċerta Filumen Debono ma' tlett uliedha, ilkoll reqdin. Filumen, x'ħin semgħet il-ħoss tal-ajruplan, inħasdet u malajr malajr ittawlet barra biex tara x'kien qed jiġri. F'daqqa waħda lemħet ħafna dħaħen u bla telf ta' żmien qajmet 'l uliedha u telqet b'kemm kellha saħħa'l barra. Bintha ta' 7 snin ħarġet warajha, iżda t-tnejn l-oħra ma ridux joħorġu mill-friex. Filumen iddeskriviet il-ħsejjes tal-ajruplan fil-baxx ma' tiri ta' *'machine guns'*, għax hekk ħasbithom. Iżda meta ndunat li l-ajruplan kien qed jiġġarraf reġgħet telqet tiġri lejn id-dar biex toħroġ lil uliedha.

Iżda fil-ħin, l-ajruplan iġġarraf fuq id-dar tagħha. Sriep tan-nar bdew jidhru jogħlew fl-ajru. Din l-imsejkna omm dak il-ħin taha bħal ferħ ta' ġenn, għax kien hemm uliedha għadhom ġewwa. Ħu Filumen, ċertu Ġużeppi Azzopardi kif sema' l-ħoss tal-ajruplan jiġġarraf mar jiġri biex jara x'kien ġara u sab lil oħtu f'nofs ta' triq tibki u tgħajjat biex isalvawlha 'l uliedha. Ġużeppi telaq jiġri biex jara x'kien jista' jagħmel sabiex isalvahom u kif appena ġie quddiem d-dar t'oħtu ra liż-żewġt itfal jixxabtu ma' katusa għal fuq il-bejt tad-dar ta' ma' ġenbhom.

Kif ħeles liż-żewġt itfal, Ġużi mbagħad mar fuq in-naħa ta' wara tad-dar t'oħtu, fejn lemaħ avjatur, membru ieħor mill-ekwipaġġ tal-ajruplan nofsu mirdum. B'ħila kbira ħarġu minn fejn kien u wara li qiegħdu f'post fejn ma kienx hemm tiġrib telaq jiġri biex isejjaħ l-għajnuna għax in-nar kien qed iħeġġeġ ġmielu. Jingħad li dan l-avjatur, wara ftit ġie f'sensih sab sodda ġod-dar, imtedd u baqa' rieqed sa filgħodu. Għalkemm kien midrub, filgħodu xorta waħda telaq 'il barra waħdu. Fuq il-post barra l-Pulizija, kienu marru wkoll il-membri tal-A.R.P., it-tabib tad-Distrett Mifsud Speranza u l-Kappillan tar-raħal.

## Pulizija qalbieni jissogra ħajtu

Kif għidna, minn qiegħ il-barriera fejn kien waqa' parti mill-ajruplan, b'erbgħa minn nies tal-ekwipaġġ, bdew telgħin ħġejjeġ kbar u beda jinstema' xi krib. Minnufih bdew jissejħu voluntiera sabiex jinżlu fil-barriera u jagħtu l-għajnuna lil dawk l-imsejkna maqbuda hemm isfel fin-nirien fond ta' madwar 100 pied. Wieħed mill-pulizija li kienu fuq il-post, ċertu Karmnu Camilleri, kien l-uniku wieħed li offra minn jheddu sabiex jinżel b'ħabel, peress li wieħed minn tal-ekwipaġġ beda juri diffikulta kbira biex ovvjament jitla' minn dawk l-abbissi.

Il-Kuntistabbli Camilleri, b'kuraġġ u sogru kbir għalih, minħabba l-periklu li kellu fuqu l-ajruplan, għax kien mgħobbi bil-bombi u bħal ma' nafu kien qed jaqbad u jħeġġeġ sewwa, tniżżel b'ħabel u salva bl-akbar ħila, billi tella' 'l fuq mill-barriera lil wieħed mill-erba' avjaturi li kien midrub serjament, is-Surġent A.T. Smith. Sħabu, t-tlieta l-oħra, kienu mietu b'konsegwenza ta' ħruq serju.

Din il-ħidma kienet saret kollha kemm hi fid-dlam ta' dak il-lejl u ma setax ikun li ma jingħatax il-ġieħ li kien ħaqqu l-qalbieni Kuntistabbli 347 Karmenu Camilleri li kien ukoll minn Ħal Qormi, għal dak l-att erojku li kien għadu kif wettaq mal-proxxmu tiegħu. Biex kif rajna, hekk biss b'ħabel, ixxabbat bl-aktar mod kuraġġuż, f'barriera fonda, kollha nirien u li minn mument għal ieħor setgħet seħħet splużjoni ferm akbar li kienet tilħqu u ittemm il-ħajja tiegħu ukoll. Għalhekk għandu għalfejn tassew jibqa' jissemma. Fil-fatt, ftit wara din id-diżgrazzja l-Kuntistabbli Camilleri kien ġie dekorat bil-*'George Medal'* għal qlubija li wera. Meta sebaħ, nofs l-ajruplan maħruq deher imperreċ fuq il-bini nofsu mġarraf, donnu għasfur ġgantesk b'denbu jmiss mal-art. Biċċa mill-makna bl-iskrun magħha kienet tidher imdendla ma' travu waħdieni li kien baqa' f'postu.

Il-kumplament fil-barriera bit-tank tal-*'fuel'* b'kollox - il-ġnubijiet tal-barriera kienu jidhru ħaġa waħda


Towards a safer world
TOTAL AWARENESS. WHERE IT MATTERS MOST.
With a unique experience in electro-optics, naval applications and integration, SELEX Galileo provides a range of high performance and flexible solutions that deliver complete situational awareness for both land and naval operations. Already in-service with the Italian Army and Navy, LINX and JANUS deliver a day, night and all weather capability for observation, detection and identification – providing you with more than just awareness.
Being aware of threats before they're aware of you. Tomorrow's technology is here today.
in collaboration with
Joseph Cachia & Son Limited
A member of the M.DEMAJO group
www.selexgalileo.com
SELEX GALILEO
A Finmeccanica Company



To certify that I examined to-day at about 2.30 am in the Govt Dispensary Qormi First Class P.C 347. C. Camilleri for various abrasions in the left palm and for sprain of the lumbar muscles.

Mifsud Speranza
Dmo.

4/11/40.

Iċ-ċertifikat tat-tabib Mifsud Speranza

sewda bin-nirien qawwija. Waqt tiftix mill-membri tal-R.A.F. qalb il-fdalijiet ġew innotati diversi bombi milli kien fih l-ajruplan, imferxin 'l hawn u 'l hin, l-aktar ma' fejn ħabat u spiċċa l-ajruplan li kienu għadhom intatti, li mbagħad ġew miġbura bl-akbar reqqa mis-sezzjoni speċċjalizzata tal-istess R.A.F. Aktar tard għall-ħabta tal-10.30am, f'qiegħ il-barriera nstabu t-tliet iġsma tal-ekwipaġġ maħruqa kompletament. Kienu nħarġu u ttellgħu minn qalb id-debri u nġarru bl-ambulanza tal-istess R.A.F lejn is-*Sick Bay* ta' Ħal Luqa.

Għal dak is-sogru u taħbit kollu li kien għadda minnu Camilleri, bl-għajnuna t'Alla ma kien ġralu xejn, għajr għal xi ġrieħi ħfief, skond ma' jindikalna l-istess ċertifikat li kien ħareġ it-tabib Mifsud Speranza, wara li kien eżaminah ftit tal-ħin wara li tela' mill-barriera.

F'Ħal Qormi, fl-akwata li tiġi ftit aktar 'il fuq minn fejn seħħ dan l-inċident, insibu triq imsemmija għall-Kuntistabbli Karmenu Camilleri.

*Ritratti bil-kortesija tas-Sur Charles Debono, id-Direttur tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra.*

# Setting Sail...

## *Cutting edge technology moves from dry land to the high seas*

Around the world, Naval and Coastal guards are making use of high tech observation and detection equipment to combat crimes such as people trafficking and illegal fishing. But as criminals employ ever more clever techniques for evading detection, those policing them also require the use of increasingly capable technologies.

What is interesting to know is where these new technologies is coming from. With incredibly advanced hardware being developed and deployed to aid ground forces on operations in places like Afghanistan, it makes sense that some of the latest and sophisticated equipment for naval and coast guard use is actually being adapted from equipment originally developed for land-based troops. It means that sea and coast-based forces are now able to get rapid access to very sophisticated technology without the added costs of developing it from scratch.

One company that is at the forefront of this approach is **SELEX Galileo**, part of the Finmeccanica group of companies. The company already has a strong reputation for supplying high tech observation and detection systems to armies in the UK, Italy and other countries, but increasingly it is adapting these land-based systems to also meet the needs of sea-based forces.

One key example is the **LINX.** A handheld target locator which works during the day and at night, **LINX** can give its operator detailed targeting information including range and position data, and can also transmit the data back to a command post via a wireless data link.

The **LINX** has already been selected by the Italian Army for the "Soldato Futuro" soldier modernisation programme, but it is also an ideal fit for naval use, with the hand-held –binocular style-nature of the system making it work well on choppy seas. The rugged design of the system also makes it well suited to operations in harsh sea environments, meaning that crews are able to observe and acquire targets, sending image and location data back to commanders. In another example, the Janus-N is a naval variant of **SELEX Galileo's** well known Janus electro-optic turret for land applications. While the turret was originally developed for land applications, **SELEX Galileo's**close working relationship with the Italian Navy revealed that the Janus, with its high performance electro optics and stabilisation technology, was the perfect fit for a variety of naval vessels such as in-shore patrol boats, Search-and-Rescue platform and even Rigid-hull Inflatable Boats (RHIBs).

The systems have now been combat proven by the Italian Navy on board 'Classe Comandanti' patrol boats and the Navy is said to be extremely impressed with the results. Importantly, because the technology was already mature and in-service, **SELEX Galileo** were able to make the systems fully operational in just 10 months from the contract to supply them was signed. A smaller version of the Janus, known as Mini Janus, has also proved successful, with its low-cost panoramic sight for all kinds of vehicles providing commanders with advanced all-weather surveillance capabilities.

***SELEX Galileo local contacts : Joseph Cachia & Son Ltd, T: 2552 9000, email: info@jcs.com.mt.***

# Fl-Okkazjoni tal-197 sena mit-twaqqif tal-Korp



## Tberik ta' L-Annimali ġewwa Fort Mosta - 2/7/11












## Addolorata - 3/7/11




















**Sant'Iermu 12-7-11**
















## Open Day GHQ - 9/7/11







































Sant'Iermu 12-7-11



Quddies Kon-Katidral- 12-7-11



















